MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1354/1996/1

Kawza fil-lista: 34

**Joseph u Maria konjugi Camilleri**
**Vs**
**Charles u Doris konjugi Camilleri u b' digriet tat-22 ta' Gunju 1998 gew kjamati fil-kawza l-AIC Alex Buontempo, Salvu Busuttil u Joseph Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi l-atturi huma il-proprjetarji tal-blokk; St. Anthony Flats, Triq il-Buttar, Marsascala u l-konvenuti huma l-proprjetarji tal-fond adjacenti, f'liema fond kien qieghed isir xi xoghol fuq inkarigu tal-istess konvenuti, u b'konsegwenza tieghu, bi traskuragni billi sar xoghol mhux

kif titlob is-sengha, huma ghamlu hsara sostanzjali u kkagunaw danni fil-proprjeta’ tal-atturi, li ghalihom huma responsabbli biss il-konvenuti.

Peress illi nonostante li kien hemm diversa korrispondenza kemm mas-socjeta’ assiguratrici tal-konvenuti, kif ukoll mal-istess konvenuti, pero’ xorta wahda huma ma jridux jaccettaw li jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni u riparazzjonijiet u dan billi jallegaw li mhumiex responsabbli ghall-istess.

Peress illi l-konvenuti utilizzaw il-hajt tal-atturi, sabiex jibnu mieghu, pero nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu Lm420.06 erba’ mija u ghoxrin lira u sitt centezmi, ghall-appogg minnhom dovut skond il-ligi, huma qed jirrifjutaw milli jaghmlu dan.

Peress illi r-rifjut da parte tal-konvenuti li jhallsu ghall-dawn id-danni u ghall-appogg fuq imsemmi huwa inspjegabbli u ghalhekk l-atturi ma kellhomx alternattiva ghajr li jissostitwixxu dawn il-proceduri.
Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-hsarat u danni li sofrew l-atturi fil-proprieta taghhom fuq imsemmija,

2. jigu likwidati id-danni sofferti mill-atturi, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi u

3. tikkundannahom ihallsu lill-atturi dawk id-danni hekk likwidati, kif ukoll Lm420.06 erba’ mija u ghoxrin lira u sitt centezmi id-dritt taghhom ta’ appogg – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali kontra il-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Kwantu ghall-pretensjoni ghad-danni kagonati fil-proprjeta' tal-atturi, l-eccipjenti jissottomettu illi din il-pretenzjoni hija infondata fil-fatt u fil-ligi u jekk hemm xi hsara fil-fond tal-atturi, dina giet kagonata minn nuqqasijiet taghhom stess. Anke jekk xi hsara setghet giet kagonata mix-xogholijiet tal-eccipjenti, ghal din certament huma mhumiex responsabbli billi huma qabbdu nies kompetenti u semmai huma responsabbli dawn in-nies (arg. Art. 1037, Kap. 16).

2. Kwantu ghall-pretensjoni l-ohra ghad-dritt ta' appogg, l-eccipjenti jissottomettu li l-pretensjoni avvanzata fic-citazzjoni ghas-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira u sitt centezmi (LM420.06) hija esagerata u ghalkemm hemm lok li s-somma dovuta tirrizulta minn Perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti, salv dejjem il-kwistjoni ta' l-ispejjes relattivi. Fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti ghandhom id-dritt li jikkompensaw fil-kwantita' entranti s-somma ta' mija u sitt liri Maltin (LM106) ammont ta' hsara kagonata mill-atturi filwaqt li kienu qed jibnu mal-proprjeta' tal-eccipjenti (Dok. A), liema somma l-attur kien accetta li jhallas izda talab iz-zmien kif ukoll somma ohra ta' tlitt mitt lira Maltin (Lm300) dovuta ghall-hsara kagonata mill-atturi skond id-Dokument A hawn unit.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 1998 li permezz tieghu gew kjamati fil-kawza l-Perit l-AIC Alex Buontempo, Salvu Busuttil u Joseph Zammit;[1]
Rat li l-kjamati fil-kawza, debitament notifikati baqghu kontumaci;[2]
Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fiss-27 ta' Frar 2001 li permezz taghha giet michuda t-talba tal-kjamat fil-kawza l-AIC Alex Buontmepo sabiex jigi awtorizzat jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet wara l-iskadenza tat-terminu;[3]

---
[1] Fol.27
[2] Fols.1 tergo; u 67 tergo
[3] Fol.81 et seq.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Andrew Ellul minnu debitament mahlufa fil-25 ta' Gunju 2003;[4]
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qed jitlobu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lilhom id-danni kaggjonati fil-proprjeta' taghhom "St.Anthony Flats" Triq il-Buttar Marsascala, adjacenti ghall-proprjeta' tal-konvenuti; kif ukoll is-somma ta' Lm402.06 rapprezentanti dritt ta' appogg.

Ghal din il-pretensjoni l-konvenuti, konjugi Camilleri, qed jilqghu bl-argument li jekk tirrizulta xi hsara fil-fond ta' l-atturi huma m' humiex responsabbli ghaliha, stante [1] li din giet "kagjonata minn-nuqqasijiet taghhom [l-atturi] stess." u [2] jekk saret hsara rizultat tax-xogholijiet li saru fil-fond taghhom huma mhumiex responsabbli, in bazi ghal dak li jikkontemplat l-Art.1037 tal-Kap.16, stante li huma nkarigaw nies tas-sengha, nies kompetenti.

Illi in propositu ghad-danni reklamati mill-atturi, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat il-fatt li waqt li kienu qedin isiru xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-fond tal-konvenuti gew kagjonati hsarat fil-fond adjacenti ta' l-atturi, u dan kif konstat mill-Perit l-AIC Ronad Muscat Azzopardi, inkarigat mill-atturi appozitament, u kif indikat dettaljatament minnu fiz-zewg rapport datati 15 ta' Settembru 1994 u 3 ta' Awissu 1995.[5]

Fl-affidavit tieghu l-attur spjega li huwa kien "kontinwament" jigbed l-attenzjoni tal-konvenut ghal hsara li kienet qed tigi kagjonata fil-fond tieghu, izda l-konvenut kien "dejjem jghidli mbaghad naraw."[6]

Minhabba din l-attitudini passiva da parti tal-konvenut, u tenut kont tal-fatt li uhud mill-hsarat kienu jikkonsistu fi ftuh ta' konsenturi fil-hitan, li kienu jirrikjedu attenzjoni u

[4] Fol.111 et seq.
[5] Fols.57 u 59-60
[6] Fol.32

riparazzjoni immedjata sabiex jigi evitat li tikber il-hsara kagjonata mill-perkolazzjoni u dhul ta' l-ilma, l-attur kien inkariga lil haddiema tieghu sabiex jirrangaw il-hsarat, anke fil-mori tax-xogholijiet li kienu qed isiru mill-konvenuti.

Sussegwentement giet kagjonata aktar hsara kif jirrizulta mic-certifikat maghmul mill-imsemmi Perit fit-3 ta' Awissu 1995. Din il-hsara kienet ukoll in parte tikkonsisti fi ftuh ta' konsenturi, izda kien hemm ukoll titjir ta' cement fuq il-madum kif ukoll fil-gallariji ta' l-aluminium kif jidher fuq ir-ritratti esebit.[7]

Illi stabbilita' l-ezistenza tal-hsarat li minnhom qed jilmentaw l-atturi, il-Qorti tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:
Illi rigward il-hsara konsistenti fi ftuh ta' konsenturi u caqliq ta' cnagen, ma' ghandu jirrizulta ebda dubju li dik kienet rizultat tax-xogholijiet li saru fil-fond tal-konvenuti, u li ma tistax tigi attribwita ghal xi nuqqas ta' l-attur kif sostnut f' termini generali mill-konvenuti fl-eccezzjoni relattiva taghhom. Rigward il-hsara kkagjonata mill-perkolazzjoni ta'l-ilma, il-konvneuti jsostnu li l-post tal-atturi kien dam miftuh ghal circa tlett snin, izda ma setghux ikunu precizi dwar iz-zmien in kwistjoni. Rigward it-ticpis tac-cement fuq il-madum u fuq il-gallariji ta' l-aluminium, il-konvenuti jallegaw li l-hsara kienet dovuta ghan-nuqqas da parti ta' l-atturi li jiehdu azzjoni immedjata ta' tindif.

In propositu l-Qorti tirrileva li, apparti mill-fatt li l-allegazzjonijiet tal-konvenuti ma jsibux sostenn adegwat fil-provi, kull persuna ghandha twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha [Art.1031 Kap.16]; u ghandu jirrizulta car li huwa l-obbligu ta' min jikkaguna l-hsara li fil-pront u fl-iqsar zmien possibbli jaghmel hu ix-xogholijiet rimedjali tal-hsara minnu kaggjonata. Ghalhekk f' dan il-kaz, l-obbligu li jndaddaf it-ticpis tac-cement, sabiex jigi evitat li ssir aktar hsara, kien jirrisjedi principalment fuq l-appaltatur inkarigat mill-konvneuti u li kien il-persuna direttament responsabbli ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet

[7] Fol.36 sa 39

li kienu qeghdin isiru; u l-fatt li dan it-ticpis thalla jinxef ma' l-aluminium u mat-twieqi bir-rizultat li saret hsara ta' natura permanenti fil-gallariji relattivi jaghbbi b' respsonsabbilita'ghad-danni lil dan il-kuntrattur. Minn naha l-ohra pero' m' ghandux jigi injorat il-fatt inkontestat li, nonostante li l-attur kien kontinwament jgbed l-attenzjoni tal-konvenut ghall-hsara li kienet qed issirlu fil-proprjeta'tieghu, dana naqas li jiehu l-misuri opportuni. B' din attitudini passiva da parti tieghu l-konvenut, meta dana kien konxju li kienet qed issir hsara fil-proprjeta' tal-gar, liema hsara kienet manifestament visibbli u li kienet qed tigi kaggjonata fuq medda ta' zmien, irrenda ruhu responsabbli wkoll ghall-hsarat konsegwenzjali. Huwa minnu li l-hsara kienet qed tigi kaggjonata minn kuntrattur inkarigat minnu, izda dana il-fatt ma jezonerahx mir-responsabblita' meta huwa kien konxju tal-fatt li qed issir hsara lil haddiehor b'rizultat ta'xogholijiet li kienu qed isiru fil-proprjeta' tieghu, u hu halla dik il-hsara tigri minghajr ma esiga li jitiehdu misuri kemm prekawzjonali, kif ukoll rimedjali immedjati.

Il-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu jghid li hu ma kienx jaqbel li l-hsarat li sofra l-attur kienu rizultat ta' traskuragni tal-bennej jew tal-Perit, u josserva li huwa normali li meta jsiru xogholijiet f' appogg li jsir xi moviment "zghir" u li huwa normali li "wiehed inaddaf fejn jista' minnufih u mhux jhalli zmien twil li tikkaguna hsara lill-aperturi". Inoltre, it-tibjid fuq gewwa kellu jsir wara li jkun tlesta x-xoghol kollu u l-bini jkun tghabba bil-piz kollu, u mhux minnufih.[8] In propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi l-fatt li l-hsarat kienu konsegwenza necessarja tax-xogholijiet maghmula ma jezonerax la lill-bennej bhala appaltatur u lanqas lill-konvneuti bhala appaltanti milli jiehdu l-misuri prekawzjonali possibbli, u jaghmlu xogholijiet rimedjali minnufih sabiex jevitaw li taggrava l-hsara. F' dan ir-rigward il-konvenuti u l-kjamata fil-kawza Salvu Busuttil kienu mankanti;

[8] Fol.113

[2] Illi konformament mal-premess, meta ssir il-hsara li tkun manifestament visibbli huwa obbligu ta' minu jaghmilha u mhux ta' min isofriha li jaghmel minnufih ix-xogholijiet rimedjali.

[3] Illi huwa validu l-argument li x-xogholijiet rimedjali jsiru fl-ahhar tax-xogholijiet, izda minn banda l-ohra dan japplika fejn ic-cirkostanzi jippermettu. Fil-kaz in disamina jirrizulta nkontestat mir-rapport tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi li l-konsenturi estensivi kienu gew konstatati minnu fil-15 ta' Settembru 1994, filwaqt li l-hsarat deskritti fit-tieni rapport gew konstatati fit-3 ta' Awissu – jigifieri kwazi sena wara. Il-Qorti tifhem li d-danneggjat m' ghandux jithalla jistenna dan il-perijodu kollu bil-proprjeta' tieghu ddanneggjata qabel ma jsiru x-xogholijiet rimedjali. Multo magis meta l-atturi kienu rinfaccjata b' attitudini passiva da parti tal-konvenuti. L-argument il-kuntrarju jista' jwassal ghas-sitwazzjoni ngusta li d-danneggjat jkollu jissaporti l-hsara kaggjonata fil-proprjeta' tieghu, sakemm id-danneggjant joghgbu jew ikun komdu jlesti x-xogholijiet irrispettivament mit-trapass taz-zmien. Barra minnhekk gie konstat mill-imsemmi Perit fl-ewwel rapport tieghu li, minhabba x-xogholijiet fil-fond tal-konvenuti, kien hemm perikolu li jihdol l-ilma mill-ingall u mill-bejt. Certament kien l-obbligu tal-konvenuti li jassiguraw li dan ma jsirix, izda huma naqsu minn dan l-obbligu bir-rizultat li x-xogholijiet rimedjali kellhom jsiru mill-atturi danneggjati.

Inoltre, ma rrizultax, kif donnu ppresuma l-perit tekniku, li x-xoghol ta' tikhil mehtieg fil-fond ta' l-atturi skond l-ewwel rapprot tal-Perit Muscat Azzopardi u x-xoghol ta' tikhil indikat fit-tieni rapport tieghu jirreferu ghall -istess post, u dan apparti mill-perikolu tal-perikolazzjoni ta' l-ilma.

Ghaldaqstant il-Qorti thoss li ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni, li mhix ta' natura teknika, raggjunta mill-perit tekniku li jitnaqqas l-ammont ta' Lm100 mill-komputazzjoni tad-danni.

[4] Illi rigward l-ammont ta' Lm50 rapprezentanti hsara permanenti fl-aluminium, il-Qorti tosserva li anke f' dan ir-rigward ma tistax tikkondividi r-ragunament tal-perit

tekniku li la darba ser issir nefqa ghat-tindif [f' dan il-kaz Lm60] allura ma hemmx lok ghad-danni rapprezentanti hsarat ta' natura permanenti. In propositu l-Qorti tirrileva li mir-rapport tal-Perit Muscat Azzopardi, konfortat mix-xhieda ta' Joseph Farrugia, bniedem tal-mestjer li ilu jahdem l-alumium ghal circa 18 il-sena,[9] jirrizulta li, stante li t-ticpis tas-cement fuq l-aperturi tal-aluminium u l-hgieg tal-gallerija tal-atturi ma tnehhiex mal-ewwel, kemm il-hgieg kif ukoll l-aluminium sofrew hsara konsistenti f' makkjaturi permanenti. Ghal din il-Qorti tirrizulta cara d-distinzjoni bejn ix-xoghol ta' tindif ta' dawn il-gallarija mic-cement, u l-hsara kaggjonata mit-ticpis. Ix-xoghol gie stmat fis-somma ta' Lm60, filwaqt li l-hsara giet stmata fl-ammont ta' Lm50 li, kunsiderata l-estensjoni tat-ticpis kif jidher mir-ritratti esebiti, din il-Qorti tqis accettabbli.

In vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ghad-danni rekati fil-proprjeta' ta' l-atturi huma responsabbli kemm il-konvneuti, kif ukoll il-kjamat fil-kawza Salvu Busuttil li kien il-kuntrattur responsabbli ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet kif jirrizulta mill-kuntratt ta' appalt datat 8 ta' Frar 1994.[10] Rigward il-kjamat fil-kawza l-Perit Alex Buontempo, jigi osservat li mill-provi ma rrizultawx cirkostanzi li jirrendih responsabbli ghan-nuqqasijiet tal-kuntrattur. Irrizulta nkontestat li dana kien jissorvelja x-xoghol u kien jigbed l-attenzjoni tal-kuntratt ghan-nuqqasijiet bi skop li dan jirrimedjahom. Inoltre, ma rrizultax provat li dan il-kjamat fil-kawza kien konxju tat-ticpis tac-cement fuq il-gallariji ta' l-attur. Rigward il-kjamat fil-kawza Joseph Zammit, jigi rilevat li l-konvenuti ma ressqux provi dwar l-involviment tieghu fix-xogholijiet in kwistjoni.

Illi rigward il-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti tosserva li ghandhom jigu inkluzi l-ammonti ta' Lm100 u Lm50 fuq indikati, kif ukoll il-VAT indikat mill-Perit ta' l-attur, biex b' kollox l-ammont tad-danni ghandu jekwivali globalment ghas-somma ta' Lm419, liema somma ghandha tithallas lill-atturi mill-konvenuti u l-kjamata in kawza Salvu Busuttil.

---

[9] Affidavit Joseph Farrugia – 22.06.1998 – fol.53
[10] Fol.126

In kwantu ghall-ammonti tal-VAT inkluz mill-Perit ta’ l-attur kemm fit-tieni rapport tieghu, kif ukoll fl-istima tad-dritt ta’ l-appogg, il-Qorti tosserva li dan ix-xoghol sar minn nies tas-sengha fil-kors normali tax-xoghol regolari taghhom, u ghalhekk din it-taxxa ghandha tifforma parti mill-ammonti dovuti.

Illi rigward is-somma ta’ Lm420.06 rapprezentanti dritt ta’ l-appogg reklamat mill-atturi, il-Qorti tosserva li fit-tieni eccezzjoni[11] taghhom il-konvenuti jsostnu [1] li din hija esagerata; u “fi kwalunkwe kaz” [2] ghandha topera tpacija ma’ zewg ammonti pretizi mill-konvenuti: dak ta’ Lm106 u dak ta’ Lm300.

Illi f’ dan ir-rigward il-konvenut hija f’ posizzjoni ta’ attur u japplika l-principju *“reus in excipiendo fit actor”*. Ghalhekk l-oneru li jipprova dak sostnut mill-konvenut jirrisjedi fuq l-istess konvenut in omagg ghall-principju *“onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat”.*

Illi in kwantu ghall-ewwel parti tal-eccezzjoni tal-konvenuti, li is-somma ta’ Lm420.06 hija esagerata, il-Qorti tirrileva li din it-tesi ma ssibx sostenn fil-provi. Din is-somma giet kalkolata minn perit arkitett inkarigat mill-attur appozitament ghal dan l-iskop, u gie konfermata minnu bil-gurament, u di piu’ in sostanza giet accettata mill-perit tekniku. Dawn il-konsiderazzjonijiet jirrendu din il-parti tal-eccezzjoni priv minn kull fondament fattwali.

Illi in kwantu ghat-tieni parti tal-eccezzjoni, bazata fuq l-istitut tal-kompensazzjoni gudizzjali kontemplat fl-Artikolu 1197 tal-Kap.16 il-Qorti tosserva li, kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza interpretattiva, sabiex tirnexxi l-eccezzjoni ta’ tpacija, iz-zewg krediti jehtieg li jkunu likwidi u ezigibbli. u ghalhekk ma tistax tigi invokata rigward krediti li ma kienux ammessi mill-parti l-ohra. [[Paul Abela vs Paul Laferla [Vol.XXXVII.I.490]; App.S. Vella Raymond vs Moby Rentals Ltd. – 22.11.2001].Il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk il-kreditu allegatament kompensat ikun kontestat mill-allegat debitur, u dan minhabba li l-ligi

[11] Fol.11

tirrikjedi li l-istess kreditu jrid ikun likwidu jew facilment likwidabbli u esigibbli [App.Inf. Patrick Falzon Gough vs Albert Mizzi - 28.01.1994][PA.GV.Joseph Agius vs Peter Cassar Torreggiani – 30.03.2001; PA.AM.Maypole Limited vs Mario Micallef – 3.10.2001]. Ebda tapacija ma tista' ssehh meta dak li hu allegatament dovut ma jkunx likwidu u certu, u aktar, ikun soggett ghall-kwistjoni bejn il-partijiet [App.Grima vs Mamo 29.05.1998; vide wkoll: Kum. Mamo vs Borg 1.06.1990; u PA Yunes vs Tabone 2.10.2002].

Fil-kaz in disamina jigi rilevat li, kif jirrizulta mill-atti, l-atturi fil-mori tal-proceduri kienu opponew li jinstemghu provi dwar dawn iz-zewg krediti, in bazi ghall-argument li dawn kellhom jifformaw oggett ta' kontro talba u mhux sollevati b' semplici eccezzjoni; u baqghu jinsistu fuq din l-oggezzjoni anke fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom fejn emfasizzaw li huma kienu qed jikkontestaw l-ezistenza ta' dawn il-krediti; u anke a bazi tal-preskrizzjoni - eccezzjoni li ma setghux jissollevaw fl-assenza ta' kontro talba. Inoltre, l-attur fl-affidavit tieghu jsostni li "matul l-andament tax-xoghol, kull meta kien ikun hemm xi ilment da parte tal-konvenut ghal xi hsara zghira li setghet giet kagjounata, jiena dejjem kont inkun pront li nibghat il-haddiema tieghi sabiex jaghmlu x-xoghol kollu necessarju, u dan dejjem a sodisfazzjoni tal-konvenuti."[12] Dan il-fatt jinsab konfermat minn Carmelo u Manwel Bongailas zewg haddiema [plasterers] li kienu responsabbli ghall-esekuzzjoni ta' parti minn dawk ix-xoghlijiet. Fl-affidavit taghhom dawn isostnu li meta saret hsara fil-fond tal-konvenuti huma fil-pront kienu jaghmlu r-riparazzjonijiet necessarji that is-sorveljanza ta' l-istess konvenuti.[13] Ghaldaqstant l-atturi jsostnu li ma' ghandhom jaghtu xejn lill-konvenuti, stante li kull meta dawn ilmentaw dwar hsarat, dawn gew irrangati. Di piu' rigward l-ammont pretiz ta' Lm300 jigi rilevat li, filwaqt li fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-konvenut jghid li ghandha tigi "mnaqqsa somma ohra ta' tlett mitt lira maltin .."[14] fid-deposizzjoni tieghu in kontro ezami jghid li minn dan l-

[12] Fol.32
[13] Fols.51 u 52
[14] Fol.12

ammont l-attur kien hallas is-somma ta’ Lm220.[15] Din l-inkonsistenza da parti tal-konvenut stess fl-estensjoni ta’ din il-pretensjoni tipprivaha minn dak l-element tac-certezza li jirrendi d-debitu likwidu. Is-sub inciz 2 jghid testwalment: “Id-dejn hu likwidu meta hu cert ukoll f’ dik li hija kwantita.” Ghaldaqstant l-eccezzjoni bazata fuq il-kompensazzjoni gudizzjali tfalli anke minn dan l-aspett.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma sorretti mill-provi u huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha fl-ammonti fuq indikati.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet attrici; u tiddikjara lill-konvenuti Charles u Doris, konjugi Camilleri u lill-kjamat fil-kawza Salvu Busuttil responsabbli in solidum ghall-hsarat li sofrew l-atturi fil-proprjeta’ indikata fic-citazzjoni; tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta’ erba mija u dsatax il-lira maltin [Lm419], kif fuq indikat; u tikkundanna lill-istess konvenuti u lill-kjamat in kawza Salvu Busuttil jhallsu bejniethom lill-atturi din is-somma ta’ Lm419, flimkien mal-imghax relattiv mid-data ta’ din is-sentenza; tiddikjara li hija ukoll dovuta lill-atturi mill-konvenuti Charles u Doris konjugi Camilleri is-somma ta’ Lm420.06 rapprezentanti dritt ta’ appogg kif fuq indikat, u tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi din is-somma ta’ Lm420.06, flimkien ma’ l-imghax relattiv mid-data tan-notifika tac-citazzjoni; tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamati fil-kawza l-Perit Alex Buontempo u Joseph Zammit, u stante li dawn gew imsejjhin fil-kawza mill-konvenuti, l-ispejjez relattivi ghandhom ikun wkoll a kariku ta’ l-istess konvenuti.

L-ispejjez relattivi ghall-kjamati fil-kawza Perit Buontempo u Joseph Zammit jkunu kollha a kariku tal-konvenuti Camilleri; filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jigu sopporatati, in kwantu ghall kwart [1/4] mill-kjamat fil-kawza Salvu Busuttil u r-rimanenti tlett kwarti [3/4] jkunu a kariku tal-konvenuti Camilleri.

---

[15] Fol.142

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------